IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.11.2020
COM(2020) 692 final

2020/0313 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 billi tingħata Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti oġġetti b'użu doppju mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-Artikolu 50, l-Unjoni nnegozjat mar-Renju Unit ftehim li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu, u qieset il-qafas tar-relazzjoni futura tagħna ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ")[1]. Skont it-termini tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit ilu mill-31 ta' Jannar 2020 mhux Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u l-liġi primarja u sekondarja tal-Unjoni mhux se tibqa' tapplika għar-Renju Unit, wara li tintemm il-fażi ta' tranżizzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 ("ir-Regolament") li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju[2] joħloq sistema komuni ta' kontrolli għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, f'konformità mal-impenji u r-responsabbiltajiet internazzjonali tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea (UE). Skont ir-Regolament, l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju lejn pajjiżi terzi għandha teħtieġ awtorizzazzjoni. Din l-awtorizzazzjoni tista' tieħu l-forma ta' awtorizzazzjoni individwali, globali jew ġenerali.

B'sostenn għall-kompetittività tal-UE u biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi għall-esportaturi kollha tal-Unjoni, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà u konformità sħiħa mal-obbligi internazzjonali, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 jipprevedi "Awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni" fir-rigward tal-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju lejn ċerti pajjiżi terzi taħt ċerti kundizzjonijiet. B'mod partikolari, l-Anness IIa tar-Regolament jipprevedi Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni ("EU001") għal ċerti tranżazzjonijiet b'riskju baxx pereż. esportazzjonijiet lejn l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera (inkluż il-Liechtenstein), u l-Istati Uniti tal-Amerika.

Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni jolqot il-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju bejn l-UE u r-Renju Unit: skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009, mill-1 ta' Jannar 2021 l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mill-UE lejn ir-Renju Unit se tkun tirrekjedi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-esportatur. Dan joħloq piż amministrattiv konsiderevoli għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u għall-esportaturi tal-UE, u jkollu impatt fuq il-kompetittività tagħhom.

Għalhekk, sabiex jittaffew dawn ir-riskji u l-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit fuq il-kompetittività tal-UE, huwa xieraq li r-Renju Unit jiġi inkluż fl-Anness IIa tar-Regolament u b'hekk jiġu kkontrollati l-esportazzjonijiet lejn ir-Renju Unit skont l-Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni EU001. Hemm għadd ta' raġunijiet għaliex jenħtieġ li r-Renju Unit jiżdied mal-lista tal-pajjiżi fl-EU001:

- Ir-Renju Unit huwa parti fit-trattati internazzjonali rilevanti u membru tar-reġimi internazzjonali dwar in-nonproliferazzjoni u huwa għalkollox konformi mal-obbligi u l-impenji relatati;

[1] Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill- Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Ftehim dwar il-Ħruġ").

[2] ĠU 134, 29.5.2009, p. 1.

- Ir-Renju Unit japplika kontrolli proporzjonali u adegwati li jindirizzaw b'effikaċja l-kunsiderazzjonijiet dwar l-użu finali intenzjonat u r-riskju ta' devjazzjoni b'mod konsistenti mad-dispożizzjonijiet u l-objettivi ta' dan ir-Regolament.

Għalhekk, l-inklużjoni tar-Renju Unit mal-lista ta' pajjiżi fl-EU001, mhux se jkollha impatt negattiv fuq is-sigurtà tal-UE u fuq is-sigurtà internazzjonali, kif ukoll tiggarantixxi li jkun hemm applikazzjoni uniformi u konsistenti tal-kontrolli madwar l-UE u tipprovdi kundizzjonijiet ekwi għall-esportaturi tal-UE.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-reġim tal-UE għall-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju jistipula li normalment l-awtorizzazzjonijiet għall-esportazzjoni jinħarġu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet skont il-każ. X'aktarx li r-rekwiżit għal awtorizzazzjoni speċifika għall-esportazzjoni lejn ir-Renju Unit se joħloq piż amministrattiv sinifikanti għall-esportaturi u għall-awtoritajiet kompetenti u hemm ir-riskju li joħloq kundizzjonijiet mhux ekwi għall-esportaturi fl-Istat Membru, u għaldaqstant iħalli impatt fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u tal-Politika Kummerċjali Komuni. Dawn l-effetti perturbanti jistgħu jittaffew billi r-Renju Unit jiżdied mal-lista ta' destinazzjonijiet koperti mill-UE001. Għaldaqstant din il-proposta hija konsistenti mal-approċċ ġenerali għall-miżuri ta' kontinġenza sabiex jiġi indirizzat il-ħruġ tar-Renju Unit mingħajr ftehim.

Barra minn hekk, meta jitqies li r-Renju Unit huwa destinazzjoni importanti għall-esportazzjonijiet b'użu doppju u li huwa impenjat favur konformità sħiħa mal-obbligi u l-impenji internazzjonali rilevanti, kif ukoll jiggarantiha, l-inklużjoni tar-Renju Unit mal-lista ta' destinazzjonijiet koperti mill-EU001 hija wkoll konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament fir-rigward tas-sigurtà internazzjonali u dik tal-UE kif ukoll konsistenti ma' kif l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju lejn Stati oħra (li huma f'pożizzjoni komparabbli ma' dik tar-Renju Unit mill-perspettiva tal-objettivi tar-Regolament) hija kkontrollata skont id-dritt tal-UE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Mhijiex applikabbli billi l-kummerċ internazzjonali huwa kompetenza esklużiva tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Ir-Regolament propost huwa meqjus proporzjonali għaliex se jevita tifixkil sproporzjonat fil-kummerċ u piż amministrattiv żejjed fir-rigward tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju mill-UE lejn ir-Renju Unit filwaqt li jħares is-sigurtà internazzjonali u s-sigurtà tal-UE. Huwa ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dan l-objettiv u jżomm lura milli jagħmel tibdil usa'.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta fiha emenda limitata sabiex tiġi indirizzata sitwazzjoni speċifika u ta' darba. Peress li l-lista tal-pajjiżi terzi koperti mill-UE001 hija stabbilita mir-Regolament u meta jitqies li l-Kummissjoni ma għandha l-ebda setgħa li żżid pajjiżi oħrajn ma' din il-lista, jidher

li regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa l-uniku forma adegwata ta' att ġuridiku li jista' jindirizza din is-sitwazzjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhumiex applikabbli minħabba n-natura eċċezzjonali u ta' darba tal-avveniment li joħloq il-bżonn ta' din il-proposta.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Iċ-ċirkostanzi speċifiċi li jikkonċernaw il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u s-sitwazzjoni li qiegħda tevolvi l-ħin kollu poġġew limitazzjonijiet kbar fuq il-possibbiltà ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-proposta. Madankollu, diversi partijiet ikkonċernati u rappreżentanti tal-Istati Membri lissnu l-isfidi relatati mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u s-soluzzjonijiet possibbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

F'konformità mal-Linji Gwida dwar Regolamentazzjoni Aħjar, ma hija meħtieġa l-ebda valutazzjoni tal-impatt minħabba n-natura eċċezzjonali tas-sitwazzjoni. Ma hemmx opzjonijiet ta' politika materjalment differenti għajr dik li qed tiġi proposta.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq l-applikazzjoni jew il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

2020/0313 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 billi tingħata Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti oġġetti b'użu doppju mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-Artikolu 50, l-Unjoni nnegozjat mar-Renju Unit il-Ftehim dwar il-Ħruġ[3]. Skont it-termini tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit ilu mill-31 ta' Jannar 2020 mhux Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u l-liġi primarja u sekondarja tal-Unjoni mhux se tibqa' tapplika għar-Renju Unit u fih, wara li tintemm il-fażi ta' tranżizzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009[4] jistabbilixxi reġim komuni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju sabiex jipproteġi s-sigurtà tal-Unjoni u dik internazzjonali u biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi għall-esportaturi tal-Unjoni.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 428/2009 jipprevedi "Awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni" li jiffaċilitaw il-kontrolli fuq l-esportazzjonijiet b'riskju baxx ta' oġġetti b'użu doppju lejn ċerti pajjiżi terzi. Bħalissa l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, inkluż il-Liechtenstein, u l-Istati Uniti tal-Amerika huma koperti mill-Awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni Nru. EU001.

(4) Ir-Renju Unit huwa parti fit-trattati internazzjonali rilevanti u membru tar-reġimi internazzjonali dwar in-nonproliferazzjoni u huwa għalkollox konformi mal-obbligi u l-impenji relatati

[3] Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill- Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1).

(5) Ir-Renju Unit japplika kontrolli proporzjonali u adegwati li jindirizzaw b'effikaċità l-kunsiderazzjonijiet dwar l-użu finali intenzjonat u r-riskju ta' devjazzjoni b'mod konsistenti mad-dispożizzjonijiet u l-objettivi tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

(6) L-inklużjoni tar-Renju Unit mal-lista ta' pajjiżi fl-EU001, ma għandhiex ikollha impatt negattiv fuq is-sigurtà tal-Unjoni jew fuq is-sigurtà internazzjonali.

(7) Meta jitqies li r-Renju Unit huwa destinazzjoni importanti għal oġġetti b'użu doppju prodotti fl-Unjoni, huwa xieraq li r-Renju Unit jiżdied mal-lista ta' destinazzjonijiet koperti mill-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni Nru EU001 sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi u konsistenti tal-kontrolli madwar l-Unjoni kollha kemm hi, għall-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi għall-esportaturi tal-Unjoni u biex jiġi evitat piż amministrattiv żejjed, filwaqt li jiġu protetti s-sigurtà tal-Unjoni u dik internazzjonali.

(8) Minħabba l-urġenza taċ-ċirkustanzi li jirriżultaw mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, huwa meħtieġ li tiġi permessa l-applikazzjoni immedjata tad-dispożizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament li jikkonċernaw l-inklużjoni tar-Renju Unit fl-awtorizzazzjoni ġenerali għall-esportazzjoni tal-Unjoni Nru EU001. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IIa, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu "Esportazzjonijiet lejn l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, inkluż il-Liechtenstein, u l-Istati Uniti tal-Amerika" jinbidel b'dan li ġej:

"Esportazzjonijiet lejn l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, inkluż il-Liechtenstein, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerika";

(2) fil-Parti 2 jiddaħħal dan li ġej wara "l-Iżvizzera, inkluż il-Liechtenstein":

"- Ir-Renju Unit (mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-Anness 2, il-punt 47, tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, li jelenka d-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni msemmijin fl-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ)[5]".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[5] ĠU C 66 I, 19.02.2019, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*